**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 26 ta' Marzu, 2002**

**Numru 18**

**Avviz. numru 367/02JR**

**Lombard Bank Malta plc**

**vs**

**John Reeves**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz ipprezentat mill-attrici fil-15 ta' Frar, 2002 fejn intalab il-hlas ta' elf tlett mija u erbgha u tmenin lira Maltija u erbgha u erbghin centezmu (Lm1384.44), u fejn intqal:**

**Illi l-Bank attur ikkonceda facilitajiet bankarji lill-konvenut u in forza ta' dawn il-facilitajiet, Lombard Bank Malta plc, jinsab kreditur tal-**

**konvenut fis-somma ta' elf tlett mija u erbgha u tmenin lira Maltija u erbgha u erbghin centezmu (Lm1384.44) rapprezentanti bilanc ghad-debitu fil-kont kurrenti skond statement anness u mmarkat Dok A, bl-interessi kkalkulati sal-24 ta' Jannar, 2002, oltre l-imghaxijiet ulterjuri mill-25 ta' Jannar, 2002, sad-data tal-pagament effettiv;**

**Illi l-konvenut ghalkemm interpellat anke ufficjalment sabiex ihallas dan l-ammont baqa inadempjenti;**

**Ghalhekk qieghda ssir din il-kawza sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas 'l hawn fuq imsemmi ammont ta' elf tlett mija u erbgha u tmenin lira Maltija u erbgha u erbghin centezmu (Lm1384.44), oltre l-imghaxijiet ulterjuri mill-25 ta' Jannar, 2002 sad-data tal-pagament effettiv;**

**Bl-ispejjez kollha, inkluzi l-VAT fuq id-drittijiet professjonali kif ukoll dawm ta' l-ittra ufficjali li ggib id-data ta' l-1 ta' Novembru, 2000, u tal-mandat ta' qbid kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma' din il-kawza u bl-imghax legali mill-25 ta' Jannar, 2002, sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuti li huwa ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta.**

**Semgha x-xhieda ta' Raymond Formosa ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont ghadu dovut. Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf tlett mija u erbgha u erbghin centezmu (Lm1384.44), bl-imghaxijiet ulterjuri mill-25 ta' Jannar, 2002 sad-data tal-pagament effettiv;**

**L-ispejjez kollha ta' din l-istanza, inkluzi l-VAT fuq id-drittijiet professjonali kif ukoll dawk ta' l-ittra ufficjali li ggib id-data ta' l-1 ta' Novembru, 2000, u tal-mandat ta' qbid kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma din il-kawza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**Gudikatur**